

Brussell, 29 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10586/26

LIMITE

JAI 833
FREMP 215
AG 96
POLGEN 172

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tad-djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt = Approvazzjoni

1. Matul it-tnejn tal-konklużjonijiet tal-Presidenza tat-18 ta' Novembru 2019, id-delegazzjonijiet kollha qablu li jevalwaw mill-ġdid id-djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt sa tmiem l-2023, waqt li jqisu l-esperjenza miksuba.
2. Fit-3 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni baġtet kwestjonarju lid-delegazzjonijiet. Fl-10 ta' Lulju u d-19 ta' Settembru 2023, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali kellu skambji preliminari ta' fehmiet. Abbażi tal-kontributi li rċeviet, il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' konklużjonijiet, li ġew iġvalutati fil-livell tal-esperti.
3. Fil-Coreper tas-16 u d-29 ta' Novembru 2023 ma setax jintlaħaq kunsens dwar l-abbozz anness mad-dokument 14829/23.
4. Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2023, id-diskussjonijiet ma wasslux biex jintlaħaq kunsens dwar il-konklużjonijiet dwar l-evalwazzjoni tad-djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt. Madankollu, il-Presidenza kkonkludiet li t-test anness mad-dokument 16547/23 kien appoġġat jew ma kienx hemm oġġezzjoni għalih minn 25 delegazzjoni.

5. Fil-laqgħa tal-Coreper tal-20 ta' Diċembru 2023, il-Polonja esprimiet l-appoġġ tagħha għall-konklużjonijiet tal-Presidenza msemmija hawn fuq¹.
6. Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tas-26 ta' Mejju 2026, l-Ungerija wkoll esprimiet l-appoġġ tagħha għall-konklużjonijiet tal-Presidenza msemmija hawn fuq.
7. Billi huwa importanti li d-djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt jitmexxa 'l quddiem bl-aktar appoġġ politiku wiesa' possibbli, il-Presidenza tipproponi li l-Kunsill japprova t-test li jinsab fl-Anness ta' din in-nota. Dak it-test huwa identiku għal dak li jinsab fl-Anness tad-dokument 16547/23.
8. L-approvazzjoni ta' dan l-abbozz ta' konklużjonijiet ma tippreġudikax l-evalwazzjoni l-ġdida tad-djalogu, li għandha ssir sa tmiem l-2027, kif imniżżel fil-paragrafu 16 tal-abbozz ta' konklużjonijiet.
9. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jaqbel dwar it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness ta' din in-Nota u jistieden lill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) japprovahom.

¹ 17038/23 + ADD 1.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET DWAR L-EVALWAZZJONI TAD-DJALOGU ANNWALI DWAR L-ISTAT TAD-DRITT

FILWAQT LI NFAKKRU li mindu l-konklużjonijiet ġew adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2014², l-Istati Membri kollha qed jipparteċipaw, fi spirtu ta' kooperazzjoni sinċiera, fid-djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt fil-Kunsill, bil-ħsieb tal-impenn sod tagħhom li jsaħħu l-istat tad-dritt bħala wieħed mill-valuri fundaturi tal-Unjoni Ewropea.

FILWAQT LI NFAKKRU li l-konklużjonijiet tal-Presidenza tad-19 ta' Novembru 2019³ kienu appoġġati minn 26 delegazzjoni u li, matul it-tnejn ta' dawn il-konklużjonijiet, id-delegazzjonijiet kollha qablu li jevalwaw mill-ġdid id-djalogu dwar l-istat tad-dritt fil-Kunsill sa tmiem l-2023, waqt li jqisu l-esperjenza miksuba.

FILWAQT LI NFAKKRU li, kif deskritt fin-Nota mill-Presidenza lid-Delegazzjonijiet tat-28 ta' Settembru 2020⁴, id-djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt ġie żviluppat bħala eżerċizzju politiku mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali u strutturat, fil-prattika, fl-ewwel semestru ta' kull sena permezz ta' sessjoni waħda ddedikata għal ċikli suċċessivi ta' analiżijiet speċifiċi għall-pajjiż fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'ħames Stati Membri u, matul it-tieni semestru ta' kull sena, permezz ta' żewġ sessjonijiet: waħda ddedikata għas-sitwazzjoni attwali ġenerali tal-istat tad-dritt fl-Unjoni u l-oħra ddedikata għal analiżi speċifika għall-pajjiż, dejjem bl-użu tar-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt. Barra minn hekk, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni żviluppa għadd ta' dibattiti tematiċi speċifiċi fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-istat tad-dritt.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

1. Itenni li l-konklużjonijiet tal-2014 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-iżgurar tar-rispett għall-istat tad-dritt għadhom validi.
2. Jaqbel li d-djalogu annwali tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt wera li huwa utli, billi joħloq spazju għal skambji politiċi kostruttivi fost l-Istati Membri u għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki tagħhom u t-tagħlimiet meħuda.

² 17014/14.

³ 14173/19.

⁴ 11094/20.

3. Jafferma mill-ġdid il-prinċipji elenkati fil-konklużjonijiet tal-2014, speċjalment: l-oġġettività, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali tal-Istati Membri kollha, approċċ mhux partiġġjan u bbażat fuq l-evidenza, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-kompetenzi konferiti, kif ukoll ir-rispett tal-identità nazzjonali tal-Istati Membri inerenti fl-istrutturi fundamentali tal-politika u l-kostituzzjoni tagħhom, li jinkludu l-awtonomija reġjonali u lokali, u l-funzjonijiet Statali essenzjali tagħhom, inkluż l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat, il-ħarsien tal-liġi u tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali; u jieħu l-impenn li jkompli jħarishom fi spirtu ta' kooperazzjoni sinċiera.
4. Jinnota li dan id-djalogu politiku ser ikompli jiġi żviluppat b'mod komplementari mal-istituzzjonijiet kollha tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, waqt li jevita d-duplikazzjoni u jqis l-istrumenti u l-għarfien espert eżistenti f'dan il-qasam.
5. Jinnota li matul l-organizzazzjoni u t-tmexxija ta' dan id-djalogu l-Presidenza ser tkompli tiżgura li l-prinċipji tad-djalogu elenkati fil-paragrafi 3 u 4 hawn fuq jiġu rrispettati bis-sħiħ.
6. Jissottolinja li bis-saħħa tal-kontenut u l-istruttura attwali tiegħu, dan id-djalogu politiku sar aktar b'saħħtu, aktar orjentat lejn ir-riżultati u strutturat aħjar, u t-tnejn tiegħu kienet aktar sistematika. Il-format attwali tiegħu, li jinkludi dibattiti ġenerali u sessjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, tejbju b'mod effettiv permezz tat-twettiq ta' eżerċizzju ta' rendikont annwali li jirrigwarda s-sitwazzjoni attwali u l-iżviluppi ewlenin fir-rigward tal-istat tad-dritt. Dan kollu jiffaċilita diskussjoni politika komprensiva, ġenwina u interattiva, li b'mod ġenerali tiffoka fuq is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri u fl-Unjoni kollha kemm hi.
7. Jinnota li, filwaqt li jqis il-kontenut u l-istruttura attwali tad-djalogu bħala sodisfaċenti, għandu jittejjeb aktar sabiex jirrifletti saħansitra aħjar l-impenn tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt u biex jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' sfidi emerġenti u eżistenti fir-rigward tal-istat tad-dritt, b'mod inklużiv u kostruttiv, permezz ta' diskussjoni u skambju tal-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda.
8. Jieħu l-impenn li jkompli jorganizza diskussjoni orizzontali ġenerali fit-tieni semestru tas-sena, u li organizza diskussjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tliet darbiet fis-sena, tnejn fl-ewwel semestru u waħda fit-tieni semestru, li kull waħda minnhom tiffoka fuq is-sitwazzjoni f'erba' Stati Membri.
9. Jieħu l-impenn li jiddedika dan id-djalogu għall-analiżi ta' mill-inqas l-erba' pilastri tal-istat tad-dritt li ġejjin: is-sistema ġudizzjarja, il-qafas kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media, kif ukoll kwistjonijiet istituzzjonali oħra relatati mas-sistema ta' kontrokontrolli; dan mingħajr preġudizzju għall-ambitu usa' ta' dan id-djalogu fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali.
10. Jinnota li, fil-prattika, dan id-djalogu ser ikompli jkun ibbażat fuq ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt, bil-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-istituzzjonijiet, u jinnota l-inklużjoni ta' rakkomandazzjonijiet fir-rapport bħala mod kif jiġu enfasizzati kwistjonijiet speċifiċi li jeħtieġu aktar attenzjoni mill-Istati Membri.

11. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżgura l-involvement mill-qrib tal-Istati Membri u d-djalogu magħhom fit-tnejn tar-rapport annwali, u tkompli ttejjeb dik it-tnejn hija stess b'kont meħud tal-prinċipji li jirregolaw dan id-djalogu.
12. Jinnota li dan id-djalogu jista' jibbenefika wkoll mill-kunsiderazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tad-dritt internazzjonali pubbliku sa fejn ir-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt ikun qieshom, u li dawn jikkostitwixxu sorsi anċillari u awżiljarji iżda siewja ta' informazzjoni, b'mod partikolari dawk il-kunsiderazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi tiegħu, li l-valur tagħhom għe rikonoxxut, fost oħrajn, mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023⁵, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Kummissjoni⁶.
13. Jaqbel li, minbarra l-organizzazzjoni ta' dan id-djalogu, il-Presidenza tista' tikkunsidra wkoll l-organizzazzjoni ta' skambji interattivi aktar frekwenti, bħal seminars dwar kwistjonijiet tal-istat tad-dritt mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, speċjalment maċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili, il-membri parlamentari, l-awtoritajiet lokali, id-dinja akkademika, is-sħab soċjali, u l-ġurnalisti.
14. Jirrikonoxxi r-rwol orizzontali u r-responsabbiltajiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali fl-organizzazzjoni ta' dan id-djalogu; jirrikonoxxi r-rwol komplementari tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni meta jkollu diskussjonijiet tematiċi speċifiċi dwar l-istat tad-dritt fl-ambitu tal-għarfien espert tiegħu, b'approċċ inklużiv, u b'kont meħud, kif xieraq, tad-diskussjonijiet fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali.
15. Jinnota li, bħala segwitu għal dan id-djalogu fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali, jistgħu jiġu organizzati diskussjonijiet dwar tema partikolari orizzontali waħda jew aktar marbuta mal-istat tad-dritt fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali, meta dan jitqies xieraq u meħtieġ.
16. Jaqbel li l-Presidenzi kollha li jmiss ikomplu jlaqqgħu lill-Istati Membri għad-djalogu dwar l-istat tad-dritt fil-Kunsill skont il-format u l-frekwenza maqbula hawn fuq, u jaqbel li jwettaq evalwazzjoni għida, sa tmiem l-2027, tal-esperjenza miksuba abbażi ta' dan id-djalogu.

⁵ 5422/23.

⁶ 11217/19.